# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 14 ta’ Ottubru, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Scerri)**
**vs**
**Aaron Schembri**

**Drogi Numru 90/2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Aaron Schembri ta’ 23 sena, iben Nicholas u Lorraine nee’ Mizzi, imwieled Pieta’ nhar it-22 ta’ Gunju 1997, residenti fil-fond 21, Triq il-Bjad, Naxxar u detentur tal-karta ta’ identita b’numru 243897M.

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn it-3 u 4 ta’ Awwissu, 2019:-

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali mahrug ai termini ta'l-artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u Ordni iehor ta'l-Avukat Generali mahrug ai termini ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' liema ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-fedina penali netta tieghu, il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni x-xorta u l-kwantita ta' droga misjuba fil-pussess ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli l-artikoli 40A, 120A(1)(2)(b)(ii), it-tielet skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 3 u 5 ta' l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985; l-artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tminatx il-xahar**.

In oltre l-Qorti qed tordna **d-distruzzjoni tas-sustanza u oggetti esebiti bhala Dok AS1,** u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**